DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/545

tas-26 ta' Marzu 2021

li tawtorizza lil ċerti laboratorji fil-Brażil, il-Kambodja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel, it-Tuneżija, l-Ukrajna u r-Renju Unit iwettqu t-testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqimiet kontra l-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa

(notifikata taħt id-dokument C (2021) 1953)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqimiet kontra l-idrofobija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE taħtar lill-*Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail* ("ANSES") f'Nancy, Franza, bħala l-istituzzjoni speċifika responsabbli sabiex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqimiet kontra l-idrofobija.

(2) Fost l-oħrajn , id-Deċiżjoni 2000/258/KE tipprevedi li l-ANSES għandha tevalwa l-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni biex iwettqu t-testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqimiet kontra l-idrofobija.

(3) L-awtorità kompetenti tal-Brażil ippreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "Instituto de Tecnologia do Paraná". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(4) L-awtorità kompetenti tal-Brażil ippreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-ġdid ta' żewġ laboratorji: it-"TECSA laboratórios LTDA" u l-"Instituto Pasteur". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dawn il-laboratorji.

(5) L-awtorità kompetenti tal-Kambodja ppreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "Pasteur Institute of Cambodia". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(6) L-awtorità kompetenti taċ-Ċina ppreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "Technical Centre for animal, plant and food inspection and quarantine of Shangai customs". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(7) L-awtorità kompetenti tal-Messiku ppreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-ġdid tal- laboratorju "SADER/SENASICA". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

(8) L-awtorità kompetenti tal-Afrika t'Isfel ippreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni mill-ġdid tal-laboratorju "Onderstepoort Veterinary Institute". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(9) L-awtorità kompetenti tat-Tuneżija ppreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "Pasteur Institute of Tunis". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(10) L-awtorità kompetenti tal-Ukrajna ppreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "State Scientific Control Institute of Biotechnology and Strains of Microorganisms". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dan il-laboratorju.

(11) L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ippreżentat applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorji "APHA Weybridge" u "BioBest Laboratories Ltd". L-ANSES stabbiliet u ppreżentat rapport ta' valutazzjoni favorevoli lill-Kummissjoni, bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 għal dawn il-laboratorji.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn il-laboratorji jkunu awtorizzati biex iwettqu t-testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqimiet tal-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa.

(13) Skont il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, l-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni ppreżentata mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit ma tipprekludix lil laboratorju ta' referenza nazzjonali li jinsab fi Stat Membru milli jissodisfa l-funzjonijiet ta' laboratorju ta' referenza nazzjonali fir-rigward tar-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq).

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorji li ġejjin b'dan huma awtorizzati jwettqu t-testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqimiet kontra l-idrofobija fil-klieb, il-qtates u l-inmsa:

(a) Instituto de Tecnologia do Paraná
Rua Professor Algacyr Munhoz Mader, 3775
Curitiba 81350-010
Il-Brażil

(b) TECSA laboratórios LTDA
Avenida do Contorno, 6226-Funcionários
Belo Horizonte 30110-042
Il-Brażil

(c) Instituto Pasteur
Avenida Paulista, 393
São Paulo 01311000
Il-Brażil

(d) Pasteur Institute of Cambodia
Laboratory of virology
5 Monivong Boulevard
BP 983
12200 Phnom Penh
Il-Kambodja

(e) Technical Centre for animal, plant and food inspection and quarantine of Shanghai customs
Laboratory of animal quarantine
1208 Minsheng Road
Pudong district
Shanghai 200135
Iċ-Ċina

(f) SADER/SENASICA
Av. Centenario de la Educación s/n, (km 3,5 Carretera Federal Mexico-Pachuca)
Tecamac de Felipe Villanueva
55740 Estado de México
Il-Messiku

(g) Onderstepoort Veterinary Institute
100 Old Soutpan Road
0110 Pretoria
L-Afrika t'Isfel

(h) Pasteur Institute of Tunis
Rabies laboratory
13 place Pasteur
BO 74
1002 Tunis Belvedere
It-Tuneżija

(i) State Scientific Control Institute of Biotechnology and Strains of Microorganisms
Department of Biotechnology and Quality Control of Viral Preparations
30, Donetska str.
03151 Kyiv
L-Ukrajna

(j) APHA Weybridge
Virology Vl 1, Woodham Lane
New Haw, Addelestone
Surrey KT15 3NB
Ir-Renju Unit

(k) BioBest Laboratories Ltd
6 Charles Darwin House
The Edinburgh technopole, Nr Milton Bridge
Penicuik
Ir-Renju Unit

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni